MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tal-21 ta' Frar, 2012

Appell Civili Numru. 495/2007/1

**Paul Fenech (459165M)**

**vs**

**Joe u Tessie konjugi Camilleri**

**Il-Qorti,**

**<u>I. PRELIMINARI.</u>**

Illi fit-30 ta' Mejju 2011 it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ppronunzja s-segwenti decizjoni fl-ismijiet premessi: -

***"It-Tribunal,***

*Ra li f'dan l-avviz hemm talba mill-attur biex il-konvenuti jhallsuh l-ammont dovut ghal prezz ta' xoghol u materjal ta' bibien tal-injam debitament maghmula fuq ordni tal-konvenuti datata 5 ta' Marzu 2011.*

*Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali 2499/07 u bl-imghaxijiet. Il-konvenuti ingunti ghas-subizzjoni.*

*Ra li fl-udjenza tal-14 ta' Frar 2008 deher id-difensur tal-attur u nforma lil dan it-Tribunal li kien hemm kawza pendenti fuq l-istess mertu quddiem it-Tribunal ghall-Konsumatur u li l-partijiet qablu li jistennew l-ezitu t'hemmhekk.*

*Ra r-risposta tal-konvenuti formulata hekk:-*

*1. Preliminarjament qed jigi eccipit il-Lis Alibi Pendens peress li l-konvenuti ghamlu l-kawza fuq il-mertu quddiem it-Tribunal tal-Konsumatur, liema procedura ggib in-numru CET 171/07 u ghadha pendenti sallum;*

*2. Preliminarjament ukoll il-konvenuti ma humiex il-legittimi kontraditturi peress li x-xoghol kien sar fid-dar u ghal beneficcju tat-tifla tal-konvenuti, Alexandra Camilleri;*

*3. Illi fil-mertu t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt peress li x-xoghol tal-bibien ma kienx skont is-sengha u l-arti, u l-attur naqas, u anzi rrifjuta li jigbor u jiehu lura l-bibien u jirrangahom ghalkemm mitlub specifikament jaghmel dan;*

*4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

*Ra li fir-rigward tar-risposta tal-konvenuti, dawn fl-udjenza tal-10 ta' Ottubru 2008 irtiraw it-tieni paragrafu (eccezzjoni) taghhom jigifieri dik fejn qalu li ma kienux il-legittmi kontraditturi.*

*Ra li fl-udjenza tas-27 ta' Jannar 2009 il-konvenuti esibew kopja tal-avviz ipprezentat minnhom quddiem it-Tribunal ghal Talbiet tal-Konsumaturi datata 31.07.07. Wara dan, irtiraw ukoll l-ewwel eccezzjoni.*

***PROVI***

*A1 L-attur xehed hekk:-*

*Hu mastrudaxxa u l-konvenuti xtraw wiehed minn blokk ta' appartamenti li kien hadem fi Triq il-15 ta' Awwissu fil-Mosta*

*2 Hu spjega kif gej:-*

*"Irrid nghid illi s-sinjuri Camilleri kienu talbuni li flok tal-pine,*
*jien nahdmilhom l-injam tat-tulip. Naturalment, peress illi kien hemm differenza fil-prezz u l-bibien tal-pine kien ser ihallashom il-kuntrattur, jien ftihemt maghhom illi huma jhallsu d-differenza. Di fatti li qieghed infittex illum f'din il-kawza hija d-differenza fil-valur tal-bibien pine ghall-valur tal-bibien tulip, ammontanti ghal Lm725.00*

*3 Esebixxa bhala Dok "PF 1" ftehim bil-miktub – milhuq wara li l-konvenuti zaru l-fabbrika tal-attur u raw kollox u ftehmu fuq sample li kien attwalment wara hadem fuqu. Marru u raw fil-fabbrika x-xoghol lest u ma qalu xejn. Gharrafhom li l-bibien kienu twahhlu fil-post u min-naha taghhom il-konvenuti qalilhom li jmorru jhallsuhom wara li jaraw il-bibien. In segwitu marru l-fabbrika u qalulu li x-xoghol kien fih hafna kuluri u ma kienx ghal qalbhom. Hu gharrafhom li dak stallat kien propju tulip, kif ordnaw huma. Kienu ftehmu fuq natural hardener finish u hu precizament hekk ghamel.*

*4 In kontro-ezami cahad li huma kienu qalulu biex jiehu l-bibien lura u tenna li hu hadem fuq l-ordni miftehma. Kopja ta' ftehim kien hemm tnejn: dik fermata minnu u li nghatat f'idejn il-konvenuti u l-kuntrarju (ara dik esibita Dok "FP 1" firmata mill-konvenuti)*

*5 Meta raga' xehed qal li meta uriha l-kampjun tat-tulip,*
*urihulha lest bin-natural hardener finish – ezatt kif sar ix-xoghol konsenjat. Il-blokk li minnu jaghmel sehem l-appartament tal-konvenuti fih 45 appartament. L-ilment tal-konvenuta l-ghada jew il-pitghada li giet mgharrfa bit-twahhil tal-bibien kien li l-kulur ma kienx jaqbel.*

*6 Insista li kollox sar skont is-sengha u l-arti*

*7 F'kontro-ezami qal:-*

*"Qed nigi mistoqsi jekk nikkonfermax illi meta s-sinjuri Camilleri gew ghandi talbunix bibien cari, jiena nghid propju ghalhekk illi kienu ghazlu tulip. Jiena nikkonferma li jiena wrejthom l-injama, ghogbithom u ffirmaw ghaliha. Nghid wkoll illi l-pine ma kienx ghogobha lill-konvenuta ghax kien fih l-ingroppi. Is-sample li wrejtha tat-tulip kien l-istess kwalita' li bih inhadmu l-bibien, anzi nghid illi kien mill-istes bundle. Jiena ma niftakarx kinetx cara jew skura. Inkompli nghid illi t-tulip qatt ma huwa car minnu nnifsu".*

*"Nikkonferma li s-sinjuri Camilleri jiena cempiltilhom kemm qabel ma wahhalna x-xoghol biex jigu jarawh u kif ukoll wara li kienu twahhlu l-bibien".*

*B1* ***Roberta Fenech****, segretarja mal-attur missierha qalet li kienet hi li tat xi katalogi lill-konvenuta bit-tip u materjal ta' bibien u din ghazlet tulip. Eventwalment gie firmat, maghha d-Dok "PF 1". Cemplitilha ha tara x-xoghol lest u din giet u x-xoghol ghogobha u qaltilhom jordnaw il-hgieg ghall-istess bibien u hi stess ghazlet il-kulur tieghu.*

*2 Wara li l-konvenuta rat il-bibien ghandhom u qabel dawn twahhlu fil-post huma tawhom in-natural hardener finish. Dan ma fihx kulur imma hu naturali.*

*3 In kontro-ezami qalet li meta sar il-ftehim, li ghalih kienet prezenti, kien thallas depozitu ta' €20. Spjegat li mill-konvenuta ghadha dovuta d-differenza bejn il-bibien Pine u dawk Solid Tulip. Il-bibien lesti rathom ippustjati fuq xulxin; ghalhekk setghet tara ta' fuq biss.*

*C1 Il-konvenuta* ***Tessie Camilleri*** *qalet li meta xtraw il-post u kellu l-bibien tal-pine riedu jibdluhom. Ghal dawn hallsu Lm700. L-attur kien uriha kampjun bl-isem tulip u huma hallew f'idejh. Meta tlestew talabhom imorru jarawhom ghandu (fil-fatt sabu lil bintu) pero` meta marret kienu b'hafna trabijiet. Twahhlu meta ma kinetx taf li ser jitwahhlu. Meta rathom marret tghidlu li ma kienux kif ordnawhom, ghax ma kienux cari.*

*2 In kontro ezami qalet:-*

*"Jiena nghid illi meta gejt mitluba mmur nara l-bibien fil-garaxx, l-attur kien qalilna biex narawhom halli jekk m'hemmx problemi jkun jista jinstallahom. B'danakollu nirrepeti li stajt nara bieb wiehed biss kollu trab. Jiena lit-tifla tieghu ma kontx ghidtilha illi jiena rrid nara l-bibien kollha u mhux wiehed kollu trab. Lanqas ma ghidtilha li rrid narahom qabel ma jitwahhlu. Jiena dawk il-bibien ma stajtx naqlahom jiena u ghalhekk ma ddepozitajthomx il-Qorti".*

*D1 Il-konvenut* ***Joseph Camilleri*** *qal li l-appartament kien ghat-tifla (li kienet imsiefra) u hadu hsieb hu u martu. Huma riedu bibien cari. Meta marru jarawhom lesti, sabu lil bint l-attur u wriethom bibien mimlija trab u ma setghux jaraw sew.*

*2 Meta eventwalment raw il-bibien fil-post ma kienux cari "imma kienu kull kulur". Zied hekk:-*

*"Jiena dak il-hin stess mort ghand il-mastrudaxxa ghidtlu dak mhux li ftehmt mieghek ejja aqlahhom u gie fuq il-post u beda jghidli hafna diskors u spjegazzjonijiet u ghidtlu jien ma jinteressanix, jien cari ridthom, ghidtlu biex ikunu hekk kont inhallihom kif kienu; il-bibien ma hadhomx. Quddiem it-tifla ghidtlu biex jaqlahom imma ma qalahhomx. Qalli ma jistax ikun u hafna spejjez u affarijiet bhal dawn. Meta rajna l-bibien fil-garaxx kienu ghadhom bla lostru apparti li kienu mimlijin trab. It-Tulip hu semmihuli, jiena qatt ma kont, qatt ma kelli esperjenza fuq it-Tulip qabel;.*

*3 Qal li dwar dal-kaz marru quddiem it-Tribunal tal-Konsumaturi u hemm waqfet billi beda l-process prezenti.*

*4 Meta kien jixhed, fl-udjenza tat-22 ta' Novembru 2010 qal li l-bibien ghadhom fil-post li pero` ma qed jghix fih hadd.*

***KONSIDERAZZJONIJIET***

*It-Tribunal jikkunsidra kif gej:-*

*1. L-attur qed jitlob hlas ta' Lm725 ghal xoghol ta' bibien tat-tulip. Dana in segwitu ghal ftehim li l-konvenuti ghamlu, ghan-nom ta' binthom imsiefra, imma legalment il-kuntratt sar bejn il-kontendenti odjerni.*

*2. Jirrizulta li l-konvenuti marru fil-post tax-xoghol tal-attur* ***qabel*** *beda x-xoghol u in segwitu saret l-ordni u gie firmat id-Dok "JF 1" li jsemmi Lm700 bhala "l-ammont mitlub mill-intimat". Fil-fatt kien sar xi depozitu zghir u dak mitlub hu wara li tnaqqas id-depozitu.*

*3. Wara li tlesta x-xoghol il-konvenuti gew mitluba jarawh fil-post tal-attur qabel ma jitwahhal fil-post. Huma marru, u* ***ma lmentaw minn xejn.*** *Jghidu li qabel ma rawx kull bieb u li dawn kienu bit-trab, mhix skuza accettabli. Setghu, meta marru fil-post tal-attur talbu li jaraw izjed, li jaraw kull bieb, talbu aktar spjegazzjonijiet izda minn dan ma sar xejn. Li wara li jitwahhal ix-xoghol fil-post* ***imbaghad*** *ma joghgobhomx, dan hux accettabbli.*

*4. Hi mpressjonanti fir-rigward, ix-xhieda in kontroezami tal-konvenuta, li hi hekk:-*

*"Jiena nghid illi meta gejt mitluba mmur nara l-bibien fil-garaxx, l-attur kien qalilna biex narawhom halli jekk m'hemmx problemi jkun jista' jinstallahom. B'danakollu nirrepeti li stajt nara bieb wiehed biss kollu trab. Jiena lit-tifla tieghu ma kontx ghidtliha illi jien rrid nara l-bibien kollha u mhux wiehed kollu trab. Lanqas ma ghidtilha li rrid narahom qabel ma jitwahhlu. Jiena dawk il-bibien ma stajtx naqlahom jiena u ghalhekk ma ddepozitajthomx il-Qorti".*

*Meta mbaghad gie biex jixhed il-konvenut, qal a fol 56 "qed tinqrali d-depozizzjoni tal-mara a fol 43 specifikatament il-kontro-ezami taghha u ma naqbilx ma dak li hemm imizzel hemmhekk".*

*5. Hawn ta' min jinnota li kienu l-konvenuti li allegaw xoghol mhux skont is-sengha u l-arti u xoghol mhux kif ordnaw. Ghalhekk kien imiss lilhom li jippruvaw dan. Fil-fehma tat-Tribunal il-konvenuti, dak li kien jispetta lilhom fir-rigward ma wettquhx.*

*6. Ta' min jinnota li l-ewwel il-konvenuti ressqu kas quddiem it-Tribunal tal-Konsumaturi u wara,* ***meta l-attur ressaq il-kaz prezenti*** *huma waqqfu l-kaz taghhom, minkejja li z-zewg kazi bdew fis-sena 2007. Jigi notat ukoll li sa meta xehed il-konvenut fit-22 ta' Novembru 2010 il-bibien kienu ghadhom fil-post ta' bint il-konvenuti.*

*7. Meta jqis kollox u meta jiehu nota tas-sottomissjonijiet verbali tad-difensuri tal-partjiet it-Tribunal ihoss, anke mqanqal minn sens ta' ekwita, li dak li qed jitlob l-attur hu gust li jintlaqa'.*

***DECIZJONI***

***IT-Tribunal*** *jghaddi issa biex jiddeciedi billi (1) wara li jichad it-tielet eccezzjoni tal-konvenuti (it-tnejn l-ohra, preliminari, gew irtirati pendente lite (2) jikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-attur is-somma ta' seba' mija maltin lira (Lm700.00) issa elf, sitt mija u tletin ewro sitta u hamsin centezmi (€1,630.56) u dana (3) bl-imghax millum sal-jum tal-pagament effettiv. L-ispejjes tal-kawza jithallsu mill-konvenuti.*

Rat ir-rikors tal-appell ta' Joe u Tessie konjugi Camilleri ID 237056 M datat 20 ta' Gunju 2011 fejn talbu lill-Qorti sabiex *in vista* tal-aggravji minnhom mressqa tilqa' l-appell taghhom, u dan billi tirrevoka u thassar is-sentenza appellata.

Rat li din il-kawza kienet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tat-24 ta' Novembru 2011.

Rat ir-risposta tal-appellat Paul Fenech datata 14 ta' Lulju 2011 a fol 8 tal-process fejn sostna ghar-ragunjiet hemm indikati li d-decizjoni tat-Tribubal hija gusta u timmerita

konferma u ghalhekk l-appell interpost ghandu jigi michud bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenuti appellanti.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fl-24 ta’ Novembru 2011 fejn meta ssejjah l-appell deher Dr. Raphael Fenech Adami ghall-appellat prezenti, u Dr. Mark Refalo ghall-appellanti prezenti. Id-difensuri trattaw il-kaz. L-appell gie differit ghas-sentenza in difett ta’ ostakolu ghall-21 ta’ Frar 2012.

Rat l-atti kollha tal-istess kawza inkluz id-decizjoni tat-Tribunal Ghal Talbiet Zghar (it-Tribunal) fl-ismijiet premessi datata 30 ta’ Mejju 2011.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## <u>II. KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

Illi l-aggravju tal-appellanti huwa fis-sens li la darba dan kien kuntratt ta’ appalt, mela allura japplikaw ir-regoli ta’ appalt fis-sens li huwa x-xoghol ahhari li ghandu jigi approvat u f’dan il-kaz dak skond l-artikolu 1637 (1) tal-Kap. 16 la darba x-xoghol jikkonsisti f’iktar minn bicca wahda, mela huwa x-xoghol kollu li kellu jigi approvat, u f’dan il-kaz jirrizulta li dan ix-xoghol qatt ma gie approvat mill-appellanti, tant li meta l-istess appellanti raw ix-xoghol mill-ewwel sostnew li f’dan il-kaz il-bibien ghandhom jinqalghu ghaliex mhux kif pattwiti u mhux skond is-sengha u l-arti; (2) dan apparti li t-Tribunal qatt ma kkonsidra jekk x-xoghol maghmul huwiex skond is-sengha u l-arti u dan aktar u aktar meta inghatat eccezzjoni f’dan is-sens; fil-fatt inghad li l-bibien kienu kollha ta’ bicciet ta’ injam ta’ kulur differenti hafna minn xulxin u dan jirrizulta *ictu ocoli* mir-ritratti esebiti.
Illi f’dan il-kuntest din il-Qorti thoss li wara li rat ix-xhieda kollha prodotta u d-decizjoni tat-Tribunal tat-Talbiet iz-Zghar thoss li dan huwa kaz *“fejn ic-cirkostanzi jkunu tali illi jikkonvincu lill-Qorti ta’ revizjoni illi l-apprezzament ta’ l-Ewwel Qorti kien tant zbaljat illi altrimenti tkun ser tigi krejata ingustizzja”* u dan skond kif ritenut fis-sentenza

**"Joseph Duca vs John Falzon"** (A.I.C. (RCP – 27 ta' Ottubru 2011); **"Elena Magri et vs Rosaria sive Rosa Borg"** (A.C. – 10 ta' Frar 1961); **"Brigitte Vella pro et noe vs Richard Vella"** (A.C. - 5 ta' Ottubru 2001); **"Carmelo Agius vs John Agius"** (A.C. (Inferjuri) – 2 ta' Dicembru 1994); **"Ruth Spiteri vs Emanuel Vella noe"** (A.I. C. – 5 ta' Marzu 2003) u recentement **"Dr. Adrian's Garden Centre Co. Limited vs A.X. Construction Limited"** (A.C. – 4 ta' Lulju, 2008)).

Illi dan qed jinghad ghaliex jidher li t-Tribunal iddecieda l-kaz fuq il-punt li l-appellanti kienet rat ix-xoghol qabel ma twahhal u bhal speci approvatu, u wkoll li kienet accettat ix-xoghol. Issa apparti l-fatt li dan ma jirrizultax mill-provi li huwa korrett, jinghad li f'materja ta' appalt huwa principju stabbilit li dak li gie ribadit fis-sentenzi **"Aluminium Limited vs Attard Farm Supplies Limited"** (P.A. (RCP) – 29 ta' Mejju 2008), u **"Joseph Brownrigg noe vs Mario Spiteri"** (P.A. - 27 ta' Gunju 2003) fejn il-Qorti rriteniet illi:-

*"Skond ir-regoli generali ta' l-inadempiment l-appaltatur ma huwiex mehlus mir-responsabbilta` avolja jkun hemm l-approvazzjoni tax-xoghol. Il-verifika u l-approvazzjoni generalment isiru ghall-finijiet tal-hlas izda b'daqshekk ma jigix ezonerat mir-responsabbilta` jekk nonostante kontroll diligent fil-mument tal-verifika 'l quddiem jinstab li x-xoghol ma sarx sew."*

Illi issa f'dan il-kaz, la darba huwa pacifiku li r-relazzjoni bejn il-partijiet kienet wahda ta' appalt u mhux ta' bejgh u dan ghaliex jinvolvi obbligazzjoni "di facere" fuq dik "di dare" **("International Tentage Textiles Industries Limited vs Andreas Gerdes"** (A.I.C. – 22 ta' Gunju 2005); **"Aplan Limited vs Emmanuel Bajada"** (A.I.C. (PS) – 27 ta' Novembru 2009), u allura dak li huwa mportanti u relevanti huwa jekk ix-xoghol sarx kif pattwit, u/jew skond is-sengha u l-arti, u dan indipendentement mill-allegata approvazzjoni jew certifikazzjoni tax-xoghol, ghaliex fl-ahhar mill-ahhar dak li l-appaltatur huwa obbligat li jaghmel huwa li jaghti l-opera li kellu jahdem skond kif titlob is-sengha u l-arti.

Illi mela dan huwa dak li kellu jigi ezaminat mit-Tribunal in vista tal-eccezzjoni moghtija mill-appellanti, u allura jekk l-appellanti zammewx ix-xoghol, jew jekk l-appellanti rawx ix-xoghol qabel, ma huwiex strettament relevanti ghas-soluzzjoni ta' din il-pendenza. Hawn il-Qorti taghmilha cara li lanqas taqbel mal-apprezzament tal-fatti li ghamel it-Tribunal, ghaliex jirrizulta li l-ebda wiehed mill-appellanti ma approva x-xoghol meta l-istess kienu ghadu fil-fabbrika jew garaxx tal-appellat, u lanqas meta twahhal. Dak li jirrizulta lil din il-Qorti kien biss li l-appellanti rat xi bieb wiehed biss li kien fit-trab ghand l-appellat, u wkoll li mbaghad sar it-twahhil fil-fond de quo, u malli l-appellanti raw l-istess bibien b'diversi kuluri mill-ewwel oggezzjonaw ghall-istess u talbu lill-appellat sabiex jibdilhom u jehodhom lura. F'dan il-kuntest jinghad li l-oggett baqa' ghand l-appellant bl-ebda mod ma jista' jfixkel fic-cirkostanzi odjerni l-eccezzjoni minnhom moghtija li x-xoghol mhux skond l-arti u s-sengha, u dan peress li r-regoli li jridu jigu applikati ghall kaz odjern huma dawk ta' appalt u mhux ta' kuntratt ta' bejgh.

Illi fil-fatt fis-sentenza **"Valletta Aluminium Wrought Iron Work Limited vs Carmen Grech"** (P.A. (JRM) – 17 ta' Gunju 2010) inghad li *"l-appaltatur irid iwettaq dak li jitqabbad jaghmel sknd l-ahjar sengha u hila tieghu biex jaghti xoghol tajjeb u fejjiedi lil min ikun qabbdu ("Tal-Franciz Construction Limited et vs Anglu Zarb" – A.I.C. (PS) – 15 ta' Lulju 2007). B'mod partikolari, l-appaltatur ma jistax iressaq 'il quddiem id-difiza li x-xoghol ma sarx tajjeb ghaliex sar kif riedu l-kommittent, ghaliex l-appaltatur irid jirrezisti kull intromissjoni tal-kommittent minhabba dak l-indhil jew insistenza x-xoghol ma jkunx se' jsir skond ma jitolbu s-sengha u l-arti....Illi lanqas ma jiswa l-argument ta' l-appaltatur li x-xoghol moghti lill-kommittent ikun approvat minn dan tal-ahhar u li ma kienx ressaq ilmenti jew li, sahansitra, ikun rega' qabbdu jaghmillu x-xoghol iehor. Dan jinghad ghaliex il-fatt li jsir il-hlas jew hlas akkont jew li x-xogholijiet ikunu gew approvati mill-kommittent m'humiex tarka li warajha l-appaltatur jista' dejjem u f'kull kaz jistkenn mix-xilja tat-twettiq hazin ta' appalt"*

Illi applikati dawn il-principjі ghall-kaz in ezami, din il-Qorti thoss li mill-provi prodotti jirrizulta *ictu occoli* mir-ritratti esebiti li l-bibien konsenjati mill-appellat ma humiex skond is-sengha u l-arti u dan peress li l-lewn ta' l-injam uzat sahanistra fl-istess bieb huwa sostanzjalment differenti, b'mod li ma hemmx kulur uniformi, u dan apparti li l-kulur tal-bibien konsenjati lanqas allura jaqbel ma' xulxin, u tali nuqqas huwa tant car li lanqas biss ghandu bzonn ta' spjegazzjoni ulterjuri, hlief li wiehed ihares lejn ir-ritratti esebiti li jindikaw dak li qed jinghad iktar mill-kliem jistghu jiddiskrivu. Din fil-fatt kienet il-lamentela tal-appellanti u l-unika haga li sostna l-appellat a propositu ta' dan kien li l-bibien inhaddmu skond *sample* li wera lill-appellanti, li fil-verita' qatt ma kienet deskritta li ghanda din id-diversita' ta' kuluri, li l-istess bibien ovvjament juru. Jinghad ukoll li prova ta' din is-*sample* qatt ma ingabet, izda din il-Qorti tinnota li f'appalt ta' dan it-tip huwa relevanti mhux biss ix-xoghol kif sar, izda wkoll il-materjal li intuza sabiex saru l-istess bibien li jidher li ma kienx tal-istess lewn. B'hekk l-appell qed jigi milqugh ghaliex jirrizulta li b-bibien ikkonsenjati mill-appellat ma kienux skond l-arti u s-sengha.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad ir-risposta tal-appellat datata 14 ta' Lulju 2011 in kwantu l-istess hija nkonsistenti ma' dak hawn deciz, **tilqa' l-appell interpost mill-appellanti fir-rikors taghhom datat 20 ta' Gunju 2011 b'dan li din il-Qorti qed thassar u tirrevoka d-decizjoni tat-Tribunal Ghal Talbiet Zghar datata 30 ta' Mejju 2011 fl-ismijiet premessi "Paul Fenech vs Joe u Tessie konjugi Camilleri" (Talba Numru 495/2007) b'dan li tichad it-talba tal-attur kontenuta fl-avviz tieghu datat 14 ta' Gunju 2007, u minflok tilqa' t-tielet eccezzjoni tal-appellanti kontenuta fir-risposta taghhom datata l-1 ta' Lulju 2008 fis-sens li x-xoghol tal-bibien ma kienx skond is-sengha u l-arti.**

**Bl-ispejjez kollha kontra l-appellat Paul Fenech.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------